MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 7/2011

**Untours Insurance Agents Ltd (C 565) ghal Q.I.C.I. bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Anthony Lia skond *comprehensive policy of* insurance u l-istess Anthony Lia (ID 369081M)**

**Vs**

**Rock Cut Ltd (C 10164)**
**Transport Malta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbet sabiex is-socjetajiet konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati, jew minn minnhom, lill-istess socjeta' attrici nomine et is-somma ta' erbat elef, tnejn u sebghin ewro tmienja u tlettin centezmi (€4,072.38c) Dok A ammont dovut minnhom jew min minnhom fuq claim

maghmula mir-rikorrenti wara li Francis Gatt kien ghaddej bil-vettura Toyota Corolla nru KBH 695 din spiccat f'munzell terrapin minnhom imholli f'nofs tat-triq minghajr ebda indikazzjoni jew sinjali tat-traffiku u dana b'mod lampantement perikoluz ghall-utenti tat-triq.

Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datat 18 ta' Novembru 2009 kontra Rock Cut Ltd inkluzi l-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2009 liema socjeta' giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi <u>Dok A sa Dok F</u> a fol 2 sa fol 17 tal-atti.

Rat ir-risposa bl-eccezzjonijiet tas-socjeta' Rockcut Ltd (C10164) a fol 22 ibid u li biha eccepiet bir-rispett:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta' eccipjenti ma kellha ebda responsabbilita ghall-incident in kwistjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Transport Malta (fol 23 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi in linea preliminari, l-Awtorita' konvenuta mhix il-legittima kuntradittur peress illi (1) l-Awtorita' intimata ma ghamlet ebda xogholijiet fit-triq in kwistjoni u lanqas ma kienet l-entita' li nkarigat lis-socjeta' konvenuta Rock Cut Limited sabiex tesegwixxi xi xogholijiet; u (2) Triq San Leonardo gewwa Zabbar ma taqax taht ir-responsabbilita' tal-Awtorita' intimata peress illi mhix triq arterjali jew distributorja. Ghalhekk l-Awtorita' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-atturi.

Illi in linea u minghajr pregiduzzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma intempestivi stante illi l-atturi qatt qabel ma ressqu ebda ilment jew korrispondenza mal-Awtorita' konvenuta u allura l-atturi ghandhom f'kull kaz ibatu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* li l-Awtorita' intimata mhix responsabbli ghal kwalunkwe danni allegati u pretizi mill-atturi u m'ghandha taghti ebda ammont kif qed jintalab.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-attur Anthony  Lia huwa responsabbli minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti relattivi.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Awtorita' intimata m'ghandha tbati ebda spejjez u lanqas imghaxijiet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 29 ibid dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sottomessi minn Transpoort Malta li huma ta' natura preliminari kif ukoll dak a fol 33 u fol 34 ibid.

Rat in-nota ta' referenzi tas-socjeta' attrici a fol 39 dik ta' Transport Malta a fol 42 et seq ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza preliminari, hi ristretta ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet sottomessi minn 'Transport Malta' u in konnessjoni maghhom gie prodott xhud wiehed biss ossija Joseph Portelli (a fol 35 u fol 36 ibid) u dan da parti tal-istess Awtorita'.  Dan xehed illi fil-perjodu in kwistjoni ossija madwar Marzu 2009 din l-Awtorita' ma kienitx inkarigat lis-socjeta konvenuta sabiex tesegwixxi xogholijiet li Triq San Leonardo f'Haz Zabbar.  Difatti f'dan il-perjodu l-istess Awtorita' dejjem fl-istess perjodi "….qatt ma' kellna xogholijiet fit-triq in kwistjoni".  Hu ssottometta, inoltre, li fl-opinjoni tieghu, din it-triq ma hiex arterjali jew

distributorja u ghalhekk taqa' fil-gurisdizzjoni u kompetenza tal-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar. Dwar dan il-punt hu esebixxa pjanta (fol 37 ibid) li fuqha hemm immarkati t-toroq arterjali u distributorji kif determinati mill-pjan strutturali. Fuq din il-pjanta, it-toroq arterjali u distributorji huma markati rispettivament bil-kulur blu jew ahmar u Triq San Leonardo, ma hiex markata b'dawn il-kuluri. Inoltre hu semma li l-ewwel darba li l-Awtorita saret taf b'din il-kwistjoni kien meta giet notifikata bir-rikors promotur.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' attrici, fin-nota taghha a fol 39 et seq ibid, issottomettiet illi, skond il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta ossija dak li istitwixxa l-Kunsilli Lokali u l-poteri amminsitrattivi delegati lill-Kunsilli mill-Gvern Centrali, "Toroq arterji u distributorji stabbiliti fil-Pjan Regolatur …… huma responsabilta' tal-Gvern … u huma eskluzi mill-kompetenza ta' Kunsill Lokali" in rigward il-gestjoni u manutenzjoni taghhom. Imbaghad saret referenza ghal zewg sentenzi dwar id-devoluzzjoni ta' setghat amministrattivi mill-Gvern ghall-Kunsilli Lokali fuq il-principju ta' sussidjarjeta, kif ukoll dwar mansjonijiet fdati f'idejn entitajiet pubblici li ghandhom jigu esegwiti minnhom skond l-artikolu 1031(1) tal-Kodici Civili.

Illi 'Transport Malta', da parti taghha (fol 42 et seq ibid) issottomettiet, illi skond il-Ligijiet u regolamenti hemm citati, l-Awtorita' ma hiex responsabli ghat-toroq li ma humiex arterjerali jew distributorji. F'dan il-kaz, ma giex kontestati illi Triq San Leonardo ma taqax taht wahda minn dawn il-kategoriji ta' toroq.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward dak premess, jidher, fuq bilanc ta' probalitita illi t-triq fejn sehh l-incident in esami ma hiex triq arterjali jew distributorja u ghalhekk din il-Qorti ser taqbel ma dak sottomess mill-Awtorita' konvenuta fis-sens illi din l-Awtorita ma kienetx responsabbli ghall-gestjoni u

manutenzjoni tal-istess triq. Konsegwentement ser tigi akkolta l-ewwel (1) eccezzjoni.

Illi, minhabba hekk ma hiex ser tigi deciza, l-eccezzjoni ta' intempestivita. Pero ghandu jinghad illi, f'dan il-kaz peress li 'Transport Malta' hi awtorita pubblika, kien hemm il-htiega tad-debita interpellazzjoni qabel ma gie presentat ir-rikors promotur.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minn 'Transport Malta' u tillibera lill-istess awtorita' mill-osservanza tal-Gudizzju u Tordna li dan il-kaz jitkompla fuq il-meritu kontra s-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------